**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 14.2.10: IS-SITT ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA.**

Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri.

**FIL-10.30a.m.** Quddiesa bis-sehem tal-Persuni b'Diżabilita minn Għawdex kollu u wara noffrulhom party.

**IT-TLIETA, 16.2.10: Fis-6.30p.m.** Ikun hemm il-laqgħa tal-Grupp Tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.

**L-ERBGĦA, 17.2.10: L-ERBGĦA TAR-RMIED U L-BIDU TAR-RANDAN IMQADDES**

***Illum hemm l-obbligu tas-sawn għal dawk ta' bejn it-18 u 59 sena u l-Astinenza għal dawk 'minn 14 'il sena l fuq.***

Illum waqt il-quddies jitqiegħed l-irmied fuq rasna bħala bidu taż-żmien tal-penitenza.

Matul ir-Randan, kuljum ikun hawn il-Via Sagra fil-knisja fil-5.30p.m.

**IL-ĦAMIS, 18.2.10: Fid-8.45a.m.** quddiesa fil-knisja għat-tfal ta' l-Iskola.

**IL-ĠIMGĦA, 19.2.10: PELLEGRINĠĠ PENITENZJALI**

Bħala bidu tar-Randan se jsir Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan li se jkun mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof Grech. Din is-sena se jkun fil-parroċċa taż-Żebbuġ. Se ssir ċelebrazzjoni fil-knisja u jkun hemm ħafna saċerdoti biex iqarru. Ma jkunx hemm qudidiesa.

**IS-SIBT, 20.2.10:** Illum fid-Djoċesi tagħna qed jinżamm **JUM l-ISQOF MARIO GRECH.** Għalhekk nagħmel appell biex illum iktar mis-soltu nitolbu għalih.

**Fis-6.00p.m.** għal din l-okkażjoni Mons. Isqof Mario Grech se jmexxi konċelebrazzjoni fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**IL-ĦADD. 21.2.10: L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN.**

**ASTINENZA**

Matul iż-żmien tar-Randan wieħed jista' jissodisfa l-astinenza billi jagħmel waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

1. Ma tiekolx laħam
2. Ma tieħux xorb alkoholiku
3. Ma tpejjipx
4. Tiċċaħħad minn xi divertiment
5. Tieħu sehem fil-quddiesa jew tagħmel il-Via Sagra.
6. Titlob mal-familja (tgħid ir-rużarju ecc.)
7. Taqra xi silta mill-Iskrittura Mqaddsa
8. Trażżan l-infieq u tagħti karita'
9. Iżżur il-mord jew l-anzjani.

**RINGRAZZJAMENT**

Nixtieq mill-qalb nirringrazzja lill-familji li għandhom lill-uliedhom se jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena għall-mod kif apprezzaw l-visti li sarulhom fil-familji tagħhom u li kienet preżenti il-familja. Dan juri sens ta' interess ġenwin fis-sagrament li se jirċievu wliedhom.

Nirringrazzka wkoll lill-ġenituri tat-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqarbin u l-Griżma li ħadu sehem fil-preżentazzjoni ta' wliehom fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. Dan huwa sinjal li bih il-ġenituri wrew b'mod uffiċċjali r-rieda tagħhom li wliedhom jersqu għal dawn is-sagramenti.

**EŻERĊIZZI GĦALL-PROFESSJONISTI**

Mill-1 sal-5 ta Marzu fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria, fit-8.00p.m. Predikatur Dun Ang Seychell